# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Marzu tal-2024

**NR 063/2024** **Data tal-Ħruġ: 10 ta' April 2024** **Data tal-Għeluq: 02 ta' April 2024**

*F'Marzu 2024, il-Kuntratti ta' bejgħ u l-Konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 1,021 u 1,177, rispettivament.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'Marzu 2024, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 1,021, li juri tnaqqis ta' 2.7 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati f'Marzu 2023 (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq il-€271.3 miljun, żieda ta' 4.6 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f'Marzu 2023 (Tabella nru 2a).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta' kull xahar




Fix-xahar ta' riferenza, 945 jew 92.6 fil-mija tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn individwi, filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmulin minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu individwi kien jammonta għal €207.4 miljuni, li huwa ekwivalenti għal 76.4 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'Marzu 2024, l-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 297 u 221 kuntratt, rispettivament. L-inqas ammonti ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent u fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna, b'95 u b'109 kuntratti, rispettivament (Tabella nru 3).

L-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (106), Birkirkara (56) u Il-Mellieħa (40). (Tabella nru 8, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu 19.8 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'Marzu 2024.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Marzu 2024

Kuntratti ta' bejgħ




*Tranżazzjonijiet ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ*

Fix-xahar ta' riferenza, l-għadd ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ kien jilħaq l-1,092 (Tabella nru 4). L-Appartamenti (405) u l-Garaxxijiet (248) irreġistraw l-akbar sehem mit-total, b'37.1 fil-mija u 22.7 fil-mija, rispettivament.

*K1/2024*

Fl-ewwel kwart tal-2024, kienu rreġistrati 3,153 kuntratt ta' bejgħ, li jiġu ekwivalenti għal żieda ta' 1.7 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1a). Il-valur ta' dawn il-kuntratti kiber bi 2.4 fil-mija sabiex ammonta għal €832.1 miljun (Table nru 2a). L-akbar numri ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'San Pawl Il-Baħar (270), Birkirkara (142) u Il-Mellieħa (116) (Tabella nru 8).

**Konvenji**

F'Marzu 2024, kienu rreġistrati 1,177 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi f'żieda ta' 0.8 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 5a, Ċart nru 1). L-individwi li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 1,071 jew 91.0 fil-mija, filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 5b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 349 konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'223 konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett ta' Għawdex u Kemmuna u fid-Distrett tal-Punent, b'109 u b'111-il konvenju, rispettivament (Tabella nru 6).

L-akbar ammonti ta' konvenji kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (109), Birkirkara (67) u Marsaskala (54) (Tabella nru 10, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu 19.5 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'Marzu 2024.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Marzu 2024

Konvenji




*K1/2024*

Fl-ewwel kwart tal-2024, kienu rreġistrati 3,502 konvenji, li huma żieda ta' 12.2 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel (Tabella nru 5a). L-akbar ammonti ta' konvenji kienu rreġistrati f'San Pawl Il-Baħar (311), Birkirkara (193) u Il-Mosta (159) (Tabella nru 10).